# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2100

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2713/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Anthony Farrugia**

**vs**

**Anthony Busuttil u b'digriet tat-28 ta' Settembru 2010 l-atti gew trasfuzi f'isem Lilian Busuttil**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta**

Illum 15 ta' Settembru 2011

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'dikjarazzjoni ta' Anthony Farrugia innifsu li gietipprezentata fir-Registru fl-24 ta' Settembru 2009.

DIKJARAZZJONIJIET

Fid-Dikjarazzjoni tieghu, ir-rikorrent jghid li huwa kellu lment kontra l-agent tax-xorb Anthony Busutiil li jopera mill-indirizz 19 Triq Santa Tereza, Ghaxaq ghaliex kien tkecca mill-impieg li kellu mieghu minn bintu li qed tiehu hsieb in-negozju, u dan wara 26 sena fl-impieg. Jghid li t-tkeccija kienet ingusta ghalkemm b'allegazzjoni ta' tkeccija b'dixxiplina; li la inghata notice money u l-anqas l-opportunita` li jahdem il-perjodu tan-notice; ma setax jirregistra fuq l-ewwel parti tar-registru u sussegwentement tilef l-unemployment benefit, u dan wassal ghal detriment serju fid-dhul finanzjarju tal-familja tieghu. Huwa talab

lit-Tribunal jordna lil dak li kien l-employer tieghu ihallsu kumpens xieraq. Ir-Rikorrent ma ressaqx Stqarrjja ulterjuri tal-kaz.

L-intimat irrisponda permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Kaz ipprezentata minn bintu Charlene Magri fil-vesti ta' manager tan-negozju tal-intimat. F'din id-Dikjarazzjoni jinghad li (1) f'Mejju 2009 ir-rikorrent kien talab gurnata leave ghall-25 ta' Mejju 2009 li kien jum ix-xalata tal-festa ta' Hal Ghaxaq izda l-manager Charlene Magri cahdet din it-talba peress li kien diga' gie approvat leave lil tliet impjegati ohra ghall-istess jum; (2) li sussegwentment huwa insista li jiehu dak il-jum leave peress li kellu jirritorna xi apparat t'ommu l-isptar, u l-manager irrifjutatlu, b'rizerva li tirrevedi l-pozizzjoni taghha jekk fil-jum in kwistjoni tkun tista' tghaddi minghajru; (3) li aktar tard ir-rikorrent talabha tikkonfermalu l-jum tal-25 ta' Mejju bhala leave ghaliex ried jiehu lil martu ghand tabib, u l-manager offrietlu li jidhol ghax-xoghol xorta u flok jibqa' fuq ix-xoghol sal-4.30 ta' waranofsinhar huwa jitlaq malli jlesti, u huma qablu fuq dan; (4) li fil-jum in kwistjoni r-rikorrent dahal ghax-xoghol normali u telaq fis-2.30 ta' waranofsinhar meta lesta, izda wara cempel lill-manager u qalilha l-hin li telaq qabel ma kienx biz-zejjed biex ilahhaq l-appuntament li kellha martu mat-tabib u li ghalhekk inqalghulu problemi ma' martu; (5) li l-ghada, ir-rikorrent dahal ghax-xoghol normali izda imbghad martu cemplet lill-manager u bdiet targumenta maghha ghaliex kienu tilfu l-appuntament mat-tabib. Xi hin wara r-rikorrent cemplilha minn fejn kien bix-xoghol u talabha jmur lejn id-dar ghax kellu argument ma' martu, izda l-manager ma ppermettitlux li jitlaq ghaliex dawn huma "affarijiet ridikoli u frivoli, li assolutament ma kienux ta' importanza jew li jirrikjedu xi urgenza." Charlene Magri hedditu li jekk jitlaq lejn id-dar huwa kien ser jigi mkecci, izda r-rikorrent wegibha li ma kienx jimporta u telaq xorta wahda; (6) sussegwentement ir-rikorrent ma regax dahal ghax-xoghol; (7) li r-Rikorrent ressaq il-kaz quddiem l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol, u peress li l-intimat ma sema' xejn aktar wiehed seta' jifhem li l-kaz inqata' kontra r-rikorrent; (8) di piu` r-Rikorrent ircieva hafna twissijiet verbali minhabba imgieba hazina, partikolarment abbuz mis-sick-leave fejn waqt li jkun 'sick' intbaghat tabib

tax-xoghol u ma sabux id-dar; (9) li f'Gunju 2007 ir-Rikorrent kien diga' ghamel att ta dizubbidjenza simili meta ma giex awtorizzat jiehu gurnata leave ghax-xalata ghall-festa ta' San Guzepp ta' Hal Ghaxaq izda hu qabad u ma marx ghax-xoghol xorta wahda. F'dik l-okkazjoni mart ir-Rikorrent cemplet lil Charelen Galea u wissietha li zewgha ma kienx ser imur ghax-xoghol, mentri Charlene Galea wissietha li jekk jaghmel dan tkeccih mix-xoghol: ir-rikorrent ma marx ghax-xoghol u mar l-ETC biex jinfurmahom li ma kienx ghadu jahdem ma' Anthony Busuttil. Madankollu fi zmien qasir ir-Rikorrent skuza ruhu u talab li jkompli jahdem maghhom, u rrangaw kollox.

<u>PRELIMINARI</u>

Fl-ewwel seduta, li nzammet fit-23 ta' Frar 2010, dan it-Tribunal stieden lir-Rikorrent u l-avukat ta' l-intimat sabiex jesploraw il-possibilita` ta' ftehim bonarju, izda fis-seduta sussegwenti t-Tribunal gie infurmat li fit-30 ta' Marzu 2010 miet l-intimat u ma deherx li seta' jkun hemm ftehim. L-atti gew trasfuzi fuq isem l-armla ta' Anthony Busuttil bhala l-werrieta universali tieghu. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi sew minhabba proceduri li gew necessitati meta gie nieqes l-intimat u sew ghaliex is-smiegh tal-provi ħa aktar zmien.

<u>Il-PROVI</u>

Emanuela sive Lilian Busuttil, li fuqha gew trasfuzi l-atti tal-kaz, pprezentat affidavit dwar il-kaz, izda jidher li fil-maggor parti tieghu huwa ditto del ditto in kwantu t-tmexxija tan-negozju kien f'idejn bintha Charlene u l-incidenti msemmija kienu bejn ir-rikorrent u din bintha. Di fatti s-sinjura Busuttil tghid li fl-incident tal-2009 il-problema kienet li fil-jum tax-xalata tal-festa ta' Hal Ghaxaq ir-Rikorrent abbanduna l-van u dan holoq problemi kbar ghaliex fil-

festa ikun aktar difficli tqassam ix-xoghol fuq haddiehor; izda mill-istqarrija tal-kaz u l-affidavit ta' Charlene Magri jirrizulta li dakinar tax-xalata tal-festa r-rikorrent hadem kif miftihem: il-jum li fih telaq minn fuq ix-xoghol kien l-ghada, minhabba problema ma' martu. In konroezami l-intimata tghid li r-Rikorrent kien gie impjegat 26 sena qabel u l-inkwiet li kien itihom kien bil-leave u bit-telefonati ta' martu. Tghid li r-rikorrent kien qisu ta' gewwa, imma f'dawn l-ahhar 10 snin ma baqax qisu ta' gewwa minhabba martu. Tghid li huma qatt ma ggieldu mieghu proprju.

Charlene Magri pprezentat l-affidavit taghha tat-8 ta' Novembru 2010 fejn tghid li kienet ilha tmexxi n-negozju ta' missierha madwar hames snin, mentri r-Rikorrent kien delivery-man. Hija telabora fuq dak li intqal fl-istqarrija tal-kaz, u dwar l-incident tal-2007 hija tghid li "*avvzajt kemm lil Anthony Farrugia kif ukoll lill-mara tieghu li jekk hu ma kienx ser jidhol ghax-xoghol kien sejjer jitkecca b'dixxiplina. Ghandi nghid ukoll illi kont ili nissporti dan it-tip ta' attegjament da parti ta' Anthony Farrugia minn mindu izzewweg. Din kienet iccempilli u tkellimni b'mod arroganti*." Tghid li kien hemm zewg okkazjonijiet biss li ma approvawlux il-leave, u nqalghu probelmi fuqhom. In kontroezami tghid li r-Rikorrent kien habib kbir ta' missierha u kien jigi anke d-dar ghandhom. Tghid li din ir-relazzjoni bdiet serjra lura meta r-rikorrent izzewweg, u dan kien xi 10 snin qabel, li bejn wiehed u iehor kien ukoll i-zmien li hija bdiet tmur tghin lill-missierha fuq ix-xoghol. Tghid li wara li bdiet tiehu t-tmexxija f'idejha qatt ma kellha problemi bir-Rikorrent hlief dawk iz-zewg okkazjonijiet tal-leave ta' zmien il-festa. Tghid li mill-banda l-ohra mart ir-rikorrent taqla' problemi ma' kulhadd. Tghid li l-problemi ma' martu dejjem kienu dwar il-leave ta' zewgha, u tghid li r-rikorrent kien qisu ma jindahalx jew qisu qatt ma gara xejn, anzi tispicca billi tghid li kien jiskuza ruhu maghha.

Ir-rikorrent xhed b'affidavit fejn jghid li kien ilu jahdem ma' l-intimat 26 sena minn mindu beda n-negozju. Jghid li ghandu 55 sena u ghadu bla xoghol. Jghid li hu u l-intimat kienu qishom ahwa u jmorru ghand xulxin. Jghid li l-

intimat kien jaf li huwa kien ikun irid jiehu gurnata leave l-ghada tal-festa, u dejjem kien itihielu. Meta imbaghad dahlet tmexxi Charlene bdiet tippreferi taghti l-leave lill-kugini taghha. Dwar l-incident tal-2007 huwa jghid li ma kienx mar ghax-xoghol ghax kien marid u kien stieden lil Charlene tibghatlu tabib biex jikkonferma dan, izda ma baghtitulux. Di piu` jghid li l-festa kienet thassret u ghalhekk aktar u aktar Charlene kienet taf li ma kienx falla x-xoghol minhabba l-festa. Minkejja dan hija qabdet u keccietu. Dwar l-incident tal-2009 jghid li fil-jum in kwistjoni l-festa wkoll ma kellha xejn x'taqsam ghaliex huwa tkecca l-ghada tax-xalata meta htieglu jmur iwassal lil martu l-isptar. Jghid li martu kienet ilha tbati b'depression, u l-intimat kien jaf b'dan, u ghalhekk fil-jum in kwistjoni ma setax ma jmurx iwassal lil martu l-isptar. Jghid li sabha difficli jsib xoghol iehor. In kontroezami jispjega li martu bdiet tmur ghand tabib minhabba d-depression xi xhur qabel tkecca mix-xoghol. Dwar l-incident ta' meta ha sick-leave, gie t-tabib u ma sabux jghid, li htieglu jiehu gurnata leave u nesa javza bil-quddiem: halla f'idejn martu biex titlob il-leave f'ismu u dan inghata sick-leave flok leave, u ntbaghtlu t-tabib.

KONSIDERAZZJONIJIET

Jigi notat li r-rikorrent kellu relazzjoni eccellenti ma' l-intimat, imma meta Charlene Busuttil dahlet tmexxi n-negozju, din ma kinitx daqshekk "ta' gewwa" u allura kienet tifhmu inqas. L-istorja kkomplikat meta dan izzewweg u martu gieli indahlet fil-kwistjonijiet tax-xoghol billi cemplet u sahansitra marret tfittex lill-istess Charlene Busuttil. Din ta' l-ahhar tikkonferma li qatt ma kellha glied mar-rikorrent innifsu, u li ma' martu l-kwistjonijiet kienu dejjem dwar il-leave. Tikkonferma wkoll li kien hemm biss zewg okkazjonijet biss li l-leave gie michud u allura l-kwistjonijiet kollha jduru madwar zewg incidenti. Jidher li kien hemm it-tielet incident ta' meta r-rikorrent ha sick-leave izda t-tabib ma sabux id-dar. It-Tribunal jikkonkludi li dakinhar, peress li nesa jiehu leave minn qabel, irraporta 'sick', meta fil-fatt ma kien marid xejn.

Dan it-Tribunal jifhem li min ihaddem jehtieglu jzomm dixxiplina, u l-impjegati ma jistghux jabbuzaw mit-tjubija ta' min ihaddimhom. Jifhem ukoll li minhabba l-kompetizzjoni harxa, l-imgieba tal-impjegati tista' tikkawza hsara lil min ihaddem. Madankollu l-intimati ma gabu ebda provi ta' danni, hsara jew problemi li nqalghulhom bl-incidenti in kwistjoni. Ta' min jinnota li ma' l-ewwel incident serju tal-2007, Charlene Busuttil ma sabitha xejn difficli taqbad u tkecci lir-rikorrent. Mill-banda l-ohra t-Tribunal jifhem ukoll li l-impieg ta' haddiem mhux cajta, u meta dan ikollu certa eta' u jitkecca, jaf isibha difficli jerga' jsib impieg iehor.

Dan it-Tribunal ihoss li ghalkemm intwera certu element ta' irresponsabbilta` da parti tar-rikorrent, dan kellu gustifikazzjonijiet attenwanti ghan-nuqqasijiet tieghu. Di piu`, huwa ma jistax jirrispondi ghall-imgieba xejn pregevoli ta' martu. Jekk Charlene Busuttil hassitha intimidata jew mhedda, hija messa hadet passi kontra taghha direttament u mhux kontra zewgha. Ghalhekk dan it-Tribunal ihoss li kollox ma kollox it-tkeccija tar-rikorrent kienet mizura wisq harxa, meta tqis li tkeccija ghandha tkun l-ahhar mizura, u meta tqis li f'26 sena l-incidenti kienu verament minimi.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jiddikjara li t-tkecijja tr-rikorrent mill-impieg ma kinitx gusitfikata, u peress li dan it-Tribunal ma jistax jordna re-instatement peress li ma kienx hemm talba ghal dan, qieghed jordna lill-intimata thallas lir-rikorrent kumpens ta' tliet elef euro (€3,000.00) sa zmien tletin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00).

**Dr Leslie Cuschieri**

Chairman